## *STQARRIJA GHALL-MEDIA KOLLHA*

### LIGI OPPORTUNITAJIET INDAQS (PERSUNI B'DIZABILITA')
### IL-KAVALLIER TA' SAN GAKBU
### AWARD MILL – ARBITRAGG FAVUR IL-PERSUNI B'DIZABILITA'

**11 ta' Ottubru, 2002**

Il-Kummissjoni kellha diversi tahditiet biex il-Kavallier ta' San Gakbu jkun accessibbli ghal kulhadd. Fil-fatt il-parti l-kbira ta' dan il-Kumpless hu accessibbli ghal kulhadd. Sfortunatament il-Kummissjoni kellha lment li l-palk tat-tijatru tond, wiehed mill-aktar postijiet importanti ta' dan il-kumpless, mhuwiex accessibbli ghal kulhadd. Wara diversi diskussjonijiet, l-amministrazzjoni ta' dan il-kumpless infurmawna li huma lesti li jarmaw palk accessibbli jekk ikunu mgharfa minn qabel. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din is-soluzzjoni u z-zewg nahat qablu li jmorru arbitragg. Dan il-process issa spicca u l-*award* huwa wiehed favorevoli ghall-persuni b'dizabilita'. GHaldaqstant fi zmien 6 xhur, il-palk imsemmi ghandu jkun accessibbli ghall-kulhadd l-istess.

Il-punti principali ta' dan il-kaz huma dawn:

- Dicembru 2000 - Tressaq l-ilment
- Lulju 2001 - Saret laqgha bejn iz-zewg partijiet fuq il-post
- Dicembru 2001 - Ministeru tal-Ambjent informa lill-KNPD li l-post hu accessibbli. Il-KNPD ma taccettax din il-posizzjoni.
- Marzu 2002 - Sar qbil li morru arbitragg.
- Gunju 2002 - Saret l-ewwel seduta ta' l-arbitragg.
- Ottubru 2002 - Hareg l-Award

Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon dak li qalu l-arbitri – "Fil-fond ta' din il-Ligi hemm il-principju li persuni b'dizabilita' ghandhom jinghataw l-istess dinjita' bhal kull persuna ohra u ma ghandu jsir xejn li bih tigi kreata dizugwaljanza fil-konfront taghhom".

Minkejja dan l-ewwel award storiku skond il-Ligi Opportunitajiet Indaqs, il-Kummissjoni tibqa ssostni li s-success ta' din il-Ligi huwa l-iktar f'kemm jirnexxielha ssolvi ilmenti bil-perswazzjoni. Dan hu process ta' bdil bil-mod imma konsistenti ta' mentalita' bbazata fuq il-karita lejn il-persuni b'dizabilta' ghal mentalita' bbazata fuq d-drittijiet tal-bniedem. Qabza kbira li nemmnu li qed issir ghalkemm bil-mod.

Ref. A21/ SJC/ 021011